**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum Il-Hamis, 17 ta' Dicembru, 2015**

Numru 3

**Fl-atti tar-Rikors Guramentat Nru. 800/2015**

**Mark Anthony Farrugia u martu Roberta Farrugia**

**vs**

**Xemxija Bay Property Holding Limited**

**Il-Qorti**

Rat it-talba tal-atturi li talbu li l-eccezzjonijiet u l-kontrotalba jigu sfilzati ghax prezentati tardivament;

Rat ir-risposta tas-socjeta konvenuta li ssottomettew li n-notifika tar-rikors guramentat ma sarx skond il-ligi u ghalhekk ma tiswiex bhala notifika u ghalhekk ir-risposta guramentata ma setghetx tkun affetta minn ebda terminu legali;

Semghet lix-xiehda prodotta u t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

It-terminu legali ghal prezentata ta' risposta guramentata hu ta' ghoxrin jum minn notifika. Jirrizulta mill-atti illi s-socjeta konvenuta giet notifikata fil-25 ta' Awwissu 2015 u pprezentat risposta u kontestwali kontrotalba fil-15 ta' Settembru 2015. Dan ifisser illi r-risposta guramentata gie prezentata wiehed u ghoxrin jum minn notifika u

kwindi fuori termine. It-termini legali huma ta' ordni pubbliku u ma jistghux jigu mittiefsa jew injorati ghal ebda raguni.

Is-socjeta konvenuta tikkontendi li n-notifika mhix valida ghax saret lil certa Mary Vella li ma hiex ufficjal tas-socjeta konvenuta. Irrizulta mill-provi li Mary Mifsud hi azzjonista. Irrizulta wkoll pero illi n-notifika saret fl-ufficcju registrat tal-kumpanija (ara Dok. CF1 change of address form Q) li hu wkoll ir-residenza ta' Mary Vella u ta' azzjonist Alfred Vella u d-direttur Michael Vella, zewgha u binha rispettivament. Mary Vella xehdet li huma jircevu l-posta tal-kumpanija f'dan l-indirizz u gieli ffirmat hi stess ghal posta registrata jew tal-Qorti. Hi thalli l-posta fuq mejda biex meta jirritornaw id-dar zewgha u binha jigbruha. Hi gieli avzathom li kien hemm il-posta fuq il-mejda.

Is-socjeta konvenuta tikkontendi illi skond l-artikolu 181(A) kumpanija trid tigi notifikata mhux biss fir-registered office izda d-dokument jithalla f'idejn il-persuni msemmija fl-artikolu 181A(2) cioe f'idejn dak li ghandu r-rapprezentanza guridika jew legali tal-kumpanija, is-segretarju tal-kumpanija, jew persuna awtorizzata bil-miktub li tipprezenta jew tircevi atti gudizjarji.

L-artikolu 187(1) pero jipprovdi illi n-notifika issir bil-kunsinna tal-kopja tal-iskrittura lil persuna li lilha l-iskrittura ghandha tkun innotifikata jew billi dik il-kopja tithalla f'idejn membru tal-familja jew tad-dar ... (omissis).

F'dan il-kaz irrizulta car illi n-notifika saret lil omm id-direttur Michael Vella u kwindi n-notifika saret kif trid il-ligi. Mhux hekk biss izda gie konfermat min Mary Vella li x'aktarx l-att tal-Qorti, cioe r-rikors promotur, gie f'idejn binha dakinhar stess tan-notifika li accettat hi fil-25 ta' Awwissu 2015 ghax il-posta keinet tkun tistennihom kif jaslu mix-xoghol. Kienet x'kienet ir-raguni ghaliex ir-risposta guramentata gie prezentata gurnata oltre t-terminu ma jbiddel xejn mill-fatt indisputat li n-notifika saret skond il-ligi u sodisfat id-dittami tal-artikolu 181A(2) abbinat mal-artikolu 187 tal-Kap. 12. Ara f'dain is-sens **Valley Properties Limited vs Chianti Storm Limited** (PA 30/05/2008) u **Lay Lay Company vs Nicholas Falzon et** (App 15/12/2015).

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara li r-risposta guramentata u konsegwentement il-kontrotalba gew prezentati tardivament u ghalhekk tordna l-isfilz taghhom mill-atti. Spejjez ghas-socjeta konvenuta.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur